

32002D1003

24.12.2002

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 349/105

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI**tat-18 ta' Diċembru 2002****li tippreskrivi l-kondizzjonijiet minimi meħtieġa għal survey dwar il-ġenotipi tal-proteini prion ta' razez ta' nagħaġ**

(notifikata taħt dokument numru Ċ(2002) 5102))

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/1003/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru. 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jippreskrivi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u l-qerda ta' ċertu mard tal-BSE li jittieħed ⁽¹⁾, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 1494/2002 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-marda ta' l-iScrapie toħloq problema konsiderevoli għas-saħħa tal-annimali fil-popolazzjoni tan-nagħaġ u tal-mogħoż fil-Komunità.
- (2) M'hemm l-ebda metodu ġustifikat ta' rutina dijanjostika li jiddistingwi bejn BSE (*mad cow disease*) u infezzjoni kaġunata mill-marda ta' l-iscrapie fin-nagħaġ u fil-mogħoż. Ma ġiex pruvat taħt kondizzjonijiet naturali li l-infezzjoni tal-BSE teżisti fin-nagħaġ u l-mogħoż. Madankollu, teżisti xi inċertezza dwar jekk il-marda tal-BSE setgħetx niġġset il-popolazzjoni tan-nagħaġ u l-mogħoż u li tista' tkun għadha qiegħda f'dik il-popolazzjoni. Għalhekk infezzjonijiet tat-TSE fin-nagħaġ u l-mogħoż joħlqu riskju potenzjali wkoll għas-saħħa pubblika.
- (3) Ir-riċerka wriet li ċerti ġenotipi ta' proteini prion fin-nagħaġ jipprovdu reżistenza għall-marda ta' l-iscrapie. Sa llum l-evidenza turi li teżisti reżistenza simili fin-nagħaġ għall-BSE, maħluqa ġenetikament meta din ir-reżistenza tiġi ċċalingjata taħt kondizzjonijiet sperimentali permezz ta' l-infezzjoni tal-BSE mogħtija mill-ħalq.
- (4) L-opinjoni tal-Kumitat Xjentifiku tat-Tmexxija [*Scientific Steering Committee* (SSC)] ta' l-4 u l-5 ta' April 2002 dwar il-kisba ta' materjal utiq ta' daqs żgħir li jinxtarr mill-annimali, ippreskriviet linji ta' gwida għall-punti prinċipali fi programm ta' tnissil għar-reżistenza fin-nagħaġ għat-TSE. Waħda mill-kondizzjonijiet meħtieġa hija approssimazzjoni tal-frekwenza tal-ARR/ARR tan-nagħaġ għall-kull razza importanti. Huwa xieraq li jsir servej tar-razez ta' nagħaġ fl-Istati Membri sabieħ tinkiseb din l-informazzjoni

- (5) Il-Kummissjoni għandha tippromponi lill-Kunsill u lill-Parlament emenda għar-regolament (KE) 999/2001 biex tiġi provduta bażi legali f'dak ir-Regolament għall-miżuri stabbiliti f'din id-Deċiżjoni. Sadanittant, huwa xieraq li tiġi adottata din id-Deċiżjoni bħala miżura transizzjonali.
- (6) Il-miżuri li hemm maħsuba f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni d-definizzjonijiet li hemm inniżżla f'L-Anness I għandhom japplikaw.

Artikolu 2

Servej ta' ġenotipi ta' proteini prion ta' razez ta' nagħaġ

Sa l-1 ta' Lulju 2003, kull Stat Membru għandu jikkompila servej tal-ġenotip ta' proteini prion ta' kull razza tan-nagħaġ tiegħu li huma indiġeni, jew li jiffurmaw parti kbira mill-popolazzjoni tan-nagħaġ fit-territorju tiegħu.

Is-servej għandu jitwettaq billi jintużaw il-parametri li hemm stipulati f'L-Anness II.

Artikolu 3

Rapporti li jridu jiġu pprovduti lill-Kummissjoni mill-Istati Membri

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport dwar is-servej kif hemm maħsub fl-Artikolu 2 sa l-1 ta' Ottubru 2003.

Artikolu 4

Ġabra ta' rapporti mill-Kummissjoni lill-Istati Membri

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Istati Membri ġabra tar-rapporti li hi tirċievi taħt l-Artikolu 3, fi żmien tliet xhur minn meta jkun għalaq iż-żmien għas-sottomissjoni tar-rapporti.

⁽¹⁾ ĠU L 147, tal-31.5.2001, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 225, tat-22.8.2002, p. 3.

*Artikolu 5***Indirizzata**

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 2002.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membri tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Definizzjonijiet

1. L-allel għandu jiġi definit permezz ta' referenzi għall-aċidi amminiċi miktuba bil-kowd li huma l-kowds 136, 154 u 171 tal-ġene tal-proteina prion

Kull allele għandha tiġi rrappreżentata b'kowd ta' tliet ittri kif deskritt fil-lista li ssegwi:

Allele	Kowd mogħti lill-aċidu amminiku fil-pożizzjoni 136	Kowd mogħti lill-aċidu amminiku fil-pożizzjoni 154	Kowd mogħti lill-aċidu amminiku fil-pożizzjoni 171
ARR	Alanine	Arginine	Arginine
AHQ	Alanine	Histidine	Glutamine
ARH	Alanine	Arginine	Histidine
ARQ	Alanine	Arginine	Glutamine
VRQ	Valine	Arginine	Glutamine

2. Il-ġenotip għandu jiġi definit permezz ta' l-għaqda flimkien ta' żewġ alleli. Fejn mhux possibbli li ssir distinzjoni bejn l-alleli ARQ u ARH, jista' jintuża terminu kollettiv biex jiġu deskritti dawn iż-żewġ alleli.
3. Merħla ta' mertu ġenetiku għoli hija definita bħala:
 - (a) merħla magħmula minn nagħaġ tat-trobbija ta' razza pura kif imfisser fid-Direttiva tal-Kunsill 89/361/KEE li tikkonċerna t-trobbija ta' nagħaġ u mogħoż tat-trobbija ta' razza pura, jew
 - (b) kull merħla oħra ta' nagħaġ li hija rikonoxxuta mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru li hija ta' importanza kbira fil-bejgħ jew il-produzzjoni ta' nagħaġ tat-trobbija u li l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru jixtieq jinkludi fis-servej,

ta' l-istess razza, miżmuma fuq l-istess art u/jew taħt ir-responsabbiltà ta' l-istess persuna. Id-definizzjoni għandha tinkludi mtaten użati għall-inseminazzjoni artifiċjali, imma m'għandhiex tinkludi mtaten li jinżammu biss għal skopijiet kummerċjali ta' tgħammir ta' nagħaġ.

L-ANNESS II

Parametri għal servej ta' ġenotipi ta' proteini prion ta' nagħaġ minn merħliet ta' mertu ġenetiku għoli

1. Għandhom jittieħdu kampjuni ta' nagħaġ minn merħliet ta' mertu ġenetiku għoli, kif imfisser f'L-Anness I.
2. Għandhom jinġabru mill-anqas 50 kampjun minn kull razza.
3. Għandhom jintgħażlu kampjuni b'mod li jkun jirrappreżentaw ir-razza sħiħa fl-Istat Membru.
4. Fejn il-kondizzjonijiet li bihom isir it-teħid tal-kampjuni kif deskritti f'punti 2 u 3 ma jirrivellaw l-ebda animal frazza waħda li jkollu l-allele ARR, ir-razza għandha tiġi assoġġettata għal teħid ta' kampjuni b'mod aktar intensiv.